**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju 2019**

Kawza Numru: 27/2018MS

Go plc (C22334)

vs

Frankie Spiteri (K.I. 63360G)

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fis-16 ta' Ottubru 2018 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet li l-konvenut jigi kkundanat ihallasha s-somma ta' elf u tmienja u hamsin Euro u tlieta u disghin centezmu (€1058.93) bilanc dovut fuq il-kont numru 10219413, in konnessjoni ma servizzi ta' telefonija provduti mis-socjeta' attrici. (Doks A u B).

Ra d-dokumenti pprezentati mis-socjeta attrici mal-avviz tat-talba. (Doks A, B, C u D).

Ra li l-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tat-talba u l-avviz tas-smigh izda ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem dan it-Tribunal biex jikkontesta t-talba.

Ra illi fl-udjenza tal-25 ta' Jannar 2019 it-Tribunal gie infumat illi l-konvenut kien qed jaghmel il-pagamenti u ntalab differiment ghall-aktar informazzjoni, liema talba giet milqugha.

Ra illi fis-seduta tal-11 ta' April 2019 gie dikjarat illi l-konvenut hallas is-sorte u baqa' jhallas biss l-ispejjes.

Ra illi fl-istess udjenza l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjez.

Ra n-nota tas-socjeta' attrici tal-4 ta' Gunju 2019 fejn cediet is-sorte u zammet ferm il-kap tal-ispejjes.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din it-talba, s-socjeta attrici qieghda titlob il-hlas tas-somma ta' €1058.93 in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni provduti minnha lill-konvenuta.

In vista tan-nota fuq imsemmija it-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni tas-sorte u jikkundanna lill-konvenut li jhallas l-ispejjes tal-kawza.

Dr Michela Spiteri LL.D.
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*